# Ħsieb għax-xahar ta' Lulju



Il-ġenituri tal-Madonna, jiġifieri tal-Verġni Marija, skont it-tradizzjoni nisranija, kienu Sant'Anna u San Ġwakkin. Dawn ma jissemmawx fil-Bibbja Kanonika, imma l-ismijiet tagħhom u r-rakkontt tal-ħajja tagħhom ġejjin minn kotba apokrifi, speċjalment mill-Protovanġelu ta' Ġakbu, miktub fis-seklu 2 jew 3 W.K. Skont dan il-kitba antika, Sant'Anna u San Ġwakkin kienu koppja ta' fidi kbira li għal ħafna snin ma kellhomx tfal. F'dawk iż-żminijiet, dan kien jitqies bħala għajb kbir, u bosta nies kienu jqisu li Alla kien qed jikkastigahom. Ġwakkin, imdejjaq ħafna, mar fid-deżert għal erbgħin jum biex jitlob u jsum, waqt li Sant'Anna baqgħet id-dar, tgħaddi ġranet fit-talb.

Skont il-Protovanġelu ta' Ġakbu, waqt dan iż-żmien, Anġlu tal-Mulej deherlilhom it-tnejn u ħabbrilhom li Alla semagħhom u li se jkollhom tifla speċjali ħafna. Meta twieldet il-Verġni Marija, Ġwakkin u Anna ferħu ħafna u rringrazzjaw lil Alla. Huma wegħduh li se jqiegħdu lil Marija għalkollox għas-servizz tiegħu. Skont din it-tradizzjoni, meta Marija kellha madwar tliet snin, ġiet ikkonsagrata fit-Tempju, fejn trabbiet b'ħajja qaddisa u spiritwali sa minn ċkunitha.

Minkejja li l-Protovanġelu ta' Ġakbum huwiex parti mill-kitba ispirata tal-Bibbja li l-Knisja tipproklama bħala kelma ta' Alla, din it-tradizzjoni nfirxet ħafna fil-Knisja Kattolika u Ortodossa, u għal sekli twal ħalliet impatt qawwi fuq il-kultura nisranija. Għalhekk, llum għandna devozzjoni kbira lejn Sant'Anna bħala l-Omm tal-Madonna u patruna tan-nanniet, tan-nisa tqal u tal-familji. San Ġwakkin ukoll jitqies bħala eżempju ta' raġel ta' fidi u ta' missier devot. Il-festa tagħhom tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Lulju,

Dan ir-rakkont jagħtina ħarsa spiritwali fuq kif il-familja ta' Marija kienet waħda mimlija fidi, għaqda, u ħajja reliġjuża qawwija — u minn hemm tnissel l-ambjent li minnu ħareġ il-pjan kbir ta' Alla biex iwettaq is-salvazzjoni permezz ta' Ġesù Kristu.

***Fr Jonathan Debattista***

## Id-Devozzjoni lejn id-Demm Għażiż ta' Ġesù Kristu

Ix-xagħar ta' Lulju hu dedikat lid-Demm Għażiz ta' Sidna Ġesù Kristu. Din id-devozzjoni ilha fil-Knisja Kattolika mill-1849 għax kien il-Papa Piju IX li waqqaf din id-devozzjoni. Imma fil-fatt, il-qima lejn id-Demm Għażiż ta' Kristu kienet preżenti fil-Knisja anki minn ħafna qabel. Is-Santi Padri dejjem żammew li il-Knisja twieldet, biex ngħidu hekk, mid-demm li ħareġ mill-kustat minfud ta' Sidna Ġesu' fuq is-salib. Dan kien il-'prezz' tal-fidwa tagħna u in-nixxieha tal-maħfra u il-grazzja tagħna.Għalhekk din id-devozzjoni hi ipprattikata bil-meditazzjoni fuq is-sagrifiċċju ta' Ġesù fuq is-salib u b'talb għall-fejqan sew mill-mard fiżiku, kif ukoll mid-difetti li jistgħu iżommuna 'l bogħod minn Ġesù.

President

# Regia ta' Malta
# Bullettin Leġjunarju

### Lulju 2025
### Prattika Spiritwali

## LBIES XIERAQ

Ċensa qalet li fi żmienna qed nerġgħu għall-moda ta' żmien Adam u Eva. Marta marret il-knisja bl-imqaċċat u, għax il-kappillan ma ċanfarhiex, ħarġet tgħid li lill-kappillan jogħġbu l-imqaċċat. Mhux rari li fit-toroq tagħna naraw turisti b'nofs ilbies ukoll jekk dan ma joħolmux li jagħmluh f'pajjiżhom. Imma mhux turisti biss. Ma tridx ħafna għerf biex tifhem li hemm ilbies għat-triq, hemm ilbies għal ħdejn il-baħar u hemm ilbies għall-knisja. Hemm ilbies eleganti u hemm ilbies indeċenti li jagħmel lil dawk li jilbsuh tallaba għall-attenzjoni u forsi wkoll tallaba lilna li nittolleraw kollox. L-ilbies indeċenti, bħall-pornografija, iraħħas/jipprofana lbniedem, il-ġisem u l-imħabba u huwa stedina għall-infedelta' u għall abbuż. L-indeċenza hija egoiżmu, tagħmel superfiċjali s-sbuħija u toffri sfida għas-safa fil-ħsieb, fix-xewqat u fl-għemejjel. Bħala nsara u bħala leġjunarji għandna nfittxu li ninżgħu l-egoiżmu u s-suppervja tagħna u nilbsu s-sentimenti ta' Ġesù u ta' Marija. Il-ġenituri u n-nanniet għandhom jgħidu kelma favur id-deċenza għax din tgħolli d-dinjita' tal-persuna.

**Iddiskuti: 1. Għadna nistgħu nitkellmu minn skandli bl-ilbies jew nuqqas ta' lbies?**
**2. L-ilbies indeċenti fuq in-nies tal-knisja u ta' l-għaqdiet huwa serju.**

**Dun Karm Gauci**

### Intenzjoni tal-Papa għax xahar ta' Lulju

### Għall-formazzjoni fid-Dixxerniment

Nitolbu biex nitgħallmu niddixxernu, billi nagħrfu nagħżlu t-toroq li jagħtu l-ħajja u nwarrbu kull ma jbegħidna minn Kristu u l-Vanġelu.

